## KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAUTHORISED OFFICERSLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 39 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 39/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tlieta, 27 ta' Novembru, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcju Amministrattiv ta' Regjun Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

Prezenti ghal-laqgha :

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Chris Cocker | Kunsillier Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Joe Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Carmelo Bugeja | V/Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur Tony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

Skuzati :
Sindku Kalkara

Assenti:
Sindku Zabbar
Sindku Marsa
Sindku M' Scala
Sindku Paola

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.00pm.

39.1 **Minuti tal-Laqgha precedenti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 38/2012 mizmuma fl-20 ta' Novembru 2012 ma kienux ġew iċċirkolati minn qabel, u peress li din il-laqgha hi kontinwazzjoni taghha, dawn ser jigu ccirkolati aktar il-quddiem flimkien mal-minuti ta' din il-laqgha.

39.2 **Korrispondenza**

39.2.1 Ir-Regjun ircieva rikjesta minn persuna sabiex jinghata flus lura wara li dan kien hallas citazzjoni waqt li kellu petizzjoni li wara giet deciza favurih; l-Authorised Officer qal li ma jistax jinghata l-flus lura.

39.2.2 Korrispondenza ohra kienet manigjar tat-traffiku mill-Pulizija mar-*roundabout* ta'

Santa Lucia. Din hi responsabilita tal-Kummissarju tal-Pulizija

39.3 **Punti Mqajjma**

39.3.1 Illum id-diskussjoni kompliet fuq l-Agenda tal-gimgha ta' qabel. Regghu gew mistiedna l-Authorised Officers tar-Regjun kif ukoll Sterling Security Ltd.

Authorised Officers u Sterling Security Ltd mistiedna fil-Laqgha

L-Authorised Officer tal- Belt Valletta prezenta schedule ghall-Belt Valletta bil-hsieb li din tirrangha is-sitwazzjoni attwali fejn ir-residenti mhux qed jigu moqdija sew kif ukoll li x-xoghol mill-Wardens isir b' aktar motivazzjoni u ċ-citazzjonjiet ikun aktar ta' kwalita'. Din giet mghodijja mmedjatament lid-dirigenti ta' Sterling Security Ltd prezenti li qalu li kienet possibli li tinhadem – kienet tkopri 80 siegha kif ukoll 40 siegha overtime.

Is-Sindku taz-Zejtun u l-Kunsillier tal-Birgu mal-ewwel opponew dan peress li qalu li dan kien ser izid il-piz finanzjarju fuq ir-Regjun a skapitu tal-Belt Valletta u ma riedux li jkollu x' jaqsmu mal-ispiza tal-Belt Valletta.

L- Authorised Officer tal-Belt Valletta semma kif illum f' madwar 665 siegha qed jinghataw biss madwar 700 citazzjoni – medja ta' 1.07 citazzjoni fis-siegha. Wiehed iqabbel li meta kien ghad hemm Guard & Warden Service House Ltd kienu johorgu medja ta' madwar 5 fis-siegha. Illum hemm sitwazzjoni fejn jigi dettat lilhu fejn ghandhom imorru l-Wardens.
Is-Sindku tal-Belt talab li jkun hemm servizz ta' kwalita' u preferibilment servizz ta' patrol bil-mixi mhux minn gol-karozzi ipparkajati qrib xi kantuniera.
Gie nnotat wkoll kemm naqsu ċ-citazzjonijiet tal-Pulizija u ghalhekk ghandu jithejja rapport biex wiehed jara jekk il-Pulizija humiex jonqsu mid-dmirijiet taghhom f' dan ir-rigward. Wara tintbaghat korrispondenza lill-Kummissarju tal-Pulizija f' dan ir-rigward.

Citazzjonijiet tal-Pulizija

Is-Sindku taz-Zejtun reggha tenna li ahjar tigi delegata l-amministrazzjoni tal-LES f' idejn is-Segreatrji Ezekuttivi bhal qabel meta kellhom access dirett ma' l-Authorised Officers u jordnaw fejn fil-lokalita' taghom kellhom bzonn servizz tal-Wardens. Tenna li l- Authorised Officer ghandu jkollu l-amministrazzjoni tal-Wardens f' idejh biex jara li ma jkunx hemm zieda fis-sieghat waqt li jiehu hsieb li l-Field Officers jahdmu b' aktar efficjenza u diligenza.
Talab li l- Authorised Officers ghandhom jiddiskutu ma' kull Kunsill il-bzonnijiet taghhom u jinfurmhom bil-hinijiet li jkun ser ikollu is-servizz tal-Wardens.
Qal li hafna sejrin travers, fil-Belt Valletta per ezempju, inbdlu l-hinijiet u l-ewwel saghtejn hemm Wardens ghal xejn, issa x-schedule ġiet mahdum fuq 7 ijiem flok fuq 5 ijiem u dan meta wiehed iqis li dawn il-Wardens kienu qed johorgu citazzjoni wahda biss.

Is-Sindku ta' Bormla qal li s-Sindku taz-Zejtun jitkellem hekk ghax dejjem kellhom il-qliegh, illum ir-Regjun qed jagevola l-Belt Valletta. Qal li fejn hemm bzonn, jidhlu l-Pulizija flok Wardens. Qabbel dan il-perijodu tar-Regjun maz-zmien il-bidu tal-Kumitati Kongunti, is-sistema tal-pooling u kif kiber id-dhul – qal li llum qisu hemm pooling aktar mifrux u jistenna li l-Authorised Officers jahdmu aktar in dirett mal-Wardens.

Il-President qal li jkun aktar oggettiv u jizdied id-dhul jekk il-Wardens jibdew jghatu servizz fil-Belt billi jibdew fid-9.00am. Jahdmu l-istess sieghat b' mod iehor biex b'

hekk ikun ittamat li jidhol aktar revenue biex jithallsu l-providers. Naqas id-dhul peress li zdiedu l-ispejjez ez gholew il-pagi. Qal ukoll li jekk ifalli r-Regjun, bhal ciklu, kulhadd ibghati sa l-inqas Warden li jispicca bla xoghol ! Enfasizza li l-Wardens m' ghandhomx jigu mgieghla johorgu numru stabilit ta' citazzjonjiet kuljum izda mistennija li jahdmu b' aktar motivazzjoni u zgur li n-numru ta' citazzjonjiet jitla.

Sar *tracking* tal-Wardens tar-Regjun in generali ghal xi granet u wera bic-car li hemm minnhom li bdew fit-8.26am – kwazi nofs siegha tard u li hafna jistghu ma jkunux fuq xogholhom peress ma kienx hemm *tracking* ghal hin twil kontinwu. Inkwetanti wkoll il-fatt li certu Wardens u Field Officers li f' diversi granet fl-istess hinijiet tal-gurnata gew *tracked* ghal aktar minn siegha - fi triq wahda u lanqas rekord ta' citazzjoni wahda. LES *tracking*

Gie nnutat li fil-Belt Valletta s' Awissu kien hemm *tracking* tajjeb anke f' zoni urbani bhal m' huma Triq l-Ifran, Triq Zekka, Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq- ir-Repubblika, Triq Merkanti, Triq San Gwann, Strada Stretta u Triq San Mark – illum hemm nuqqas kbir ta' *tracking*. L-appart kien jahdem sew s' Awissu allura wiehed isaqsi illum ghax hemm dan in-nuqqas ?
l-Authorised Officers fid-dmir li jaraw li l-kumpaniji tal-Wardens ghandhom jipprovdu apparat adekwat biex ma jkunx hemm skuzi fit-tracking (Satelite, 3G, GPRS) u li suppost diga bdew jittiehdu ritratti ghall-provi tal-fatti waqt it-Tribunal.

Il-President ordna lill-Authorised Officers biex isir *tracking* regolari tal-haddiema u fejn jinstab li m' hemmx *tracking* gustifikat, allura tittiehed azzjoni u jkun hemm tnaqqis fil-hlas b' rata li se tigi stabbilita kif gia qed jsir f' Regjuni ohra. Ghandha tintbaghat Route Scheduler lis-Segretarju Ezekuttiv kuljum u ordna li ghal kull xahar isir rapport koncis fis-sens li juri fejn ma jkunx hemmx *tracking* b' indikazzjoni tat-tul tal-hin bla *tracking* u problemi ohrajn relatati.

Il-Vici Sindku tal-Fgura qal li l-LES ufficjalment ma kellux ikun money making machine, illum spicca biex gie ufficjalment strumentalizzat bhala l-uniku sors ta' finanzjament li minnu jiddependi r-Regjun ghall-ezitenza tieghu. Barra minn dan billi r-Regjun ghaqqad f'wiehed tliet kumitati konġunti
Wiehed kien jistenna li l-*economy of scales* jaghmlu s-sistema aktar vjabbli, ħaġa li ma ġratx. Mhux talli iżda l-ispiża tal-operat tidher li żdiedet minħabba diversi fatturi fosthom *collective agreement* li aspetti tal-ispiza tieghu ġew mghobbija fuq ir-Reġjun filwaqt li naqqas il-*cost-effectiveness* minħabba prattiċi tax-xogħol mhux effiċjenti. Dan ma setax ikun evitat galadarba l-kuntratt il-gdid ghadu mhux iffirmat u ghalhekk dak l-antik kellu jkun imġedded u modifikat ah hoc biex is-sistema tkun tista' taħdem. Dan kollu qed jitfa' dubji serji fuq jekk is-sistema għadhiex vjabbli kif kienet qabel ma saret din ir-riforma.

L-Authorised Officers qablu li l-citazzjonijiet li jinhargu ghandhom ikun ta' kwalita' u minghajr ma jkunu doppji, waqt li rrimarkaw kemm naqqsu ċ-citazzjonijiet tal-Pulijzija rrapurtaw illi regolarment mhux qed ikunu nfurmati mill-Manager ta' Sterling Security Ltd meta jkun hemm caqliq fil-Wardens. Rapport kull xahar mill-AOs

Ir-Regjun qed jistenna li l-Authorised Officers jippreparaw schedule addatata ghal bzonnijiet partikolari ta' kull Kunsill Lokali li kull l-ahhar tax-xahar jippreparaw rapport tac-citazzjonijiet li jkunu nhargu ghal kull lokalita' kif ukoll rapport iehor li juri c-citazzjonijiet fir-rigward tal-ECO Wardens u jintbaghat lil kull Kunsill koncernat.

39.3.2 **AURELIA** Aurelia Overwritten

Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li sal-lum ghada tircievi lmenti dwar overwritten tickets fil-Furjana u l-Marsa. L-Authorised Officer qal li dawn kollha spejjez zejda ghar-Regjun minhabba nuqqas tekniku ta' Datatrak. Tickets

Ingibdet l-attenzjoni mis-Sindku tal-Furjana li Triq il-Forka mhux inkluza fil-lista tat-toroq fl-apparat tal-Wardens, ghalhekk Datatrak ghanda tkun infurmata biex din it-triq tigi nkluza mal-lista tat-toroq. Triq il-Forka

Gie a konjizzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv li xi Wardens imorru joqghodu jiehdu l-kafe' fil-Kunsill Lokali tal-Furjana regolarment.

L-Authorised Officer irrimarka li Aurelia Enforcement qabdet u ziedet is-sieghat fuq il-Furjana minghajr rikjesta tar-Regjun. Ghalhekk ghandha jsir kommunikazzjoni ma' din il-kumpanija biex tirriverti s-sieghat taggha skond il-kuntratt. Furjana zieda fis-sieghat

Il-President spicca billi qal li l- Ftehim Kollettiv ma jistax jigi injorat – izda mhux talli l-Ftehim Kollettiv mhux favur l-esigenzi tar-Regun, talli min fassal id-dokument tat-Tender tal-Wardens Services - li gie mponut fuq ir-Regjun - ma hasibx fil-konsegwenzi li qed jiffaccja r-Regjun illum f' dan ir-rigward.
Meta kien qed jigi mfassal il-Ftehim Kollettiv, ma gewx ikkonsultati biex iddiskutuh la s-Sindki u wisq aktar l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fil-laqgha precedenti l-membri prezenti qabblu li l-Kumitat Regjonali Xlokk ghandhu jimxi skond kif jorbot il-ftehim tal- Warden Services li ghandu in vigore u li l-Ftehim Kollettiv ma jorbotx lir-Regjun.

Qal li llum inbeda progett pilota fuq il-Belt Valletta li hu l-lokalita li l-aktar jistghu jahdmu fih il-Wardens. Hu previst li jista jdahhal qliegħ biex possibilment tirranga s-sitwazzjoni finanzjarja tar-Regjun. Mod wiehed hu li l-Wardens jibdew it-8 sieghat ftit aktar tard u ttamat li b' hekk is-sistema ssir aktar vijabbli peress li r-Regjun irid inaqqas l-ispejjez operazzjonali tieghu u jzied l-efficjenza.

Diga' ntalbet laqgha mad-Direttur biex tigi diskussa flimkien mal-President u mal-Accountant tar-Regjun, il-problema finanzjarja tar-Regjun partikolarment dwar hlas dovut lil xi *service providers* partikolari minhabba cashflow. Laqgha ma' DLG

Saret kominikazzjoni wkoll sabiex tinzamm laqgha mal-Accountants tar-Regjun u l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jithejja rapport ta' kif ir-Regjun ikun jista' jigbor l-flus li huma dovuti lilhu fic-cert, b' mod mill-aktar oggettiv f' parametri rejalistici. Laqgha LCA u l-Accountants

Qed isir aktar indagini dwar jekk jistax jsir *transitional agreement* bejn il-kuntratt li ghad hemm in vigore u t-tender il-gdid partikolarment dwar it-talba ghall-hlas tal-uzu tal-karozzi minn Sterling Security Ltd. Transitional Agreement

Il-President qal li l-Onorevoli Dr Chris Said kien intalab li ghandha tinghata rinumerazzjoni xierqa lil kull min jattendi laqghat Regjonali izda din ma nghatatx u servit ta' demotivazzjoni lil kull min setgha jghati sehemu fil-laqghat – l-attendenza u l-partecipazzjoni jitkellmu. Gibed l-attenzjoni ta' dawk prezenti illi ma jistenniex li jkun hemm Sindki li jitolbu li l-Wardens ma jersqux lejn il-lokalitjiet taghhom biex ma jitilfux il-voti jew biex jintghogbu.

39.3.3 **LTD**

LTD – hlasijiet

Il-Kunsilli Lokali li rritornaw il-flus tal-LTD kienu l-Kunsilli tal-Fgura, ta' Bormla u Marsaxlokk, filwaqt li saret kommunikazzjoni mar-Regjun mill-Kunsilli tal-Furjana, l-Marsa, Marsascala u Hal-Tarxien. Irrizulta li xi bank accounts relattivi ma' l-LTD ta' xi Kunsilli kien gew mghaluqa fil-frattemp u gew depozitati ghand il-Kumitati Konguntti. Ghalhekk saret korrispondenza wkoll mal-Kumitati Konguntti f' dan is-sens.

Il-President tenna li jekk ser ikun hemm xi Kunsilli u/jew Kumitati Konguntti li ma jirritornawx dawn il-flus lir-Regjun skond kif kien rikjest fil-korrispondenza, ir-Regjun ser jiehu l-passi kollha li ttiegh il-Ligi biex jirkupra dawn il-flus.

39.4 <u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>

Gheluq

Il-laqgħa giet fit-tmiemha fid-8.45pm peress li kien sar il-hin u l-maggoranza ta' dawk prezenti kellhom bzonn jitilqu. Xorta kien baqa' x' jigi diskuss fuq l-Agenda, ghalhekk aggornament iehor ser jinzamm l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2012, fis-6.00 pm, fil-*boardroom* tal-Kumitat Regjonali Xlokk.

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia<br>President | M' Lourdes Lautier<br>Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum ________________, _______ ta'___________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar)